~~U l-għanja sfat tnehida,~~
~~u l-ħlewwa sfat imrar,~~
~~U l-ferħ minn ħbub għajnejja~~
~~Intefa' bil-mod u mar......~~

~~Niżla wieqfa taħt ħarsti~~
~~Tasal sa xatt il-baħar;~~
~~U haxn bid-dmugħ f'għajnejja~~
~~Kollox, kollox niftakar.~~

~~30/1/50.~~ ~~J. B. Cassar.~~

## KLAWSURA

*Fil-paċi ta' kamra bla ħajja,*
*imbiegħda mill-ħars tal-bnedmin,*
*mitfugħa għarkubbtejha*
*b'kuruna f'idejha,*
*fil-ġabra w fil-kwiet*
*qed titlob lil Dak li biex fdiena*
*issallab u miet.*

*Ebda ħoss.*
*Waqtiet tisma' t-tislima:*
*Viva Gesù! Viva Marija!*
*Sikta ma' kullimkien,*
*donnu bla ħajja l-ħolqien.*

*Hemm ġew,*
*f'dak il-Kunvent*
*rieqed fil-kesħa tal-mewt,*
*ma tarax*
*ħlief id-dija ta' l-aħħar xemx titriegħed,*
*u ma tismax*
*ħlief qanpiena titniehed.*

*Ebda ħoss.*
*Is-Soru qed titlob lil Alla maħbub,*
*ħarsitha fil-ħarsa ta' Kristu Mislub:*

*Ismagħni, Ġesù,*
*mid-dinja ħrabt jiena,*
*muġugħa, għajjiena,*
*arani f'riġlejk*
*infittex il-maħfra u l-ħniena.*
*Int ġbartni mit-triq.*

*In-nies daħket bija,*
*u għamlet għalija,*
*kont bla familja, bla dar,*
*kont miexja mar-riħ,*
*bla isem, bla ġieħ.*

*Ġesù.........*
*Jien mara li dnibt,*
*jien mara li għext fid-dalma tal-lejl,*
*u bkejt, mifnija bl-uġigħ*
*kull ħin, bla mistrieħ.*
*Ġesù.........*
*Kont bil-ġuħ u Int tmajtni,*
*kont marida, u Int fejjaqtni.........*
*fejjaqtni bl-Imħabba*
*li d-Dinja ċaħħdithieli,*
*Int biss illi tajthieli.*

*Hawnhekk,*
*fid-dlam sibt id-Dawl,*
*fl-egħluq il-Ħelsien,*
*fil-mewt il-Qawmien.*
*Ġesù.........*
*f'kull għawġ u f'kull żmien,*
*nibqgħu ngħixu flimkien.........*
*flimkien.*

Ġużè' Chetcuti.

## ~~IR-RANGIŻ~~

~~(*Qlib mill-Ingliż* "*The Daffodils*" *ta' W. Wordsworth*).~~

~~*Bi ħsiebi ġrejt bħal sħaba baqdanija*~~
~~*Li fuq l-għoljiet tittajjar mal-widien,*~~
~~*U f'daqqa rajt bħal f'dehra ta' sbuħija*~~
~~*Qatgħa rangiż qishom tad-deheb, xi ġmiel!*~~
~~*Qrib lejn għadira f'żifna ferriħija*~~
~~*Bdew qishom jiżfnu mal-fewġiet tar-riħ.*~~

~~*Bħal kwiekeb li bil-lejl f'sema sewdieni*~~
~~*Iżejnu t-triq imsejħa ta' Sant'Anna*~~
~~*Hekk deher dal-ward mifrux fi ġmiel waħdieni*~~
~~*Tassew sabiħ iżejjen triq il-plajja.*~~
~~*O, kif jhennik it-tixjir tagħhom hieni*~~
~~*Qishom qed jiżfnu l-iżjed żifna ħajja!*~~